A.L. 388 ta' l-2005

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Investiment (Eżenzjoni għal Reklami u Prospetti ta' Investiment)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi, bil-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Investiment (Eżenzjoni għal Reklami u Prospetti ta' Investiment), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Servizzi ta' Investiment (Eżenzjoni għal Reklami u Prospetti ta' Investiment), hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 355 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru, 2005.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif gej:-

(a) minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

> " "id-Direttiva" tfisser Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 4 ta' Novembru, 2003 dwar prospett li għandu jiġi pubblikat meta jiġu offruti titoli lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ fis-suq, u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li ħarġet jew tista' tinħareg taħtha;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "prospett" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Skema Ewropea *closed-ended*" tfisser skema ta' investiment kollettiv skond it-tifsira mogħtija fl-artikolu 2 ta' l-Att kif stabbilita fi Stat Membru jew fi Stat taż-ŻEE jew imwaqqfa b'kuntratt jew b'xi mod ieħor taħt il-liġi Ewropea, li hija *closed-ended* u li hi koperta bid-Direttiva.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolament prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (ċ), minflok il-kliem "ikun eżenti." għandhom jidħlu l-kliem "ikun eżenti; jew";

(b) minnufih wara l-paragrafu (ċ), għandu jidħol dan il-paragrafu (d) ġdid li ġej:

"(d) xi Prospett, inklużi supplimenti annessi miegħu, maħruġin minn skema Ewropea *closed-ended*, formulat f'konformità mal-ħtiġijiet tad-Direttiva.".

Iżid ir-regolament 5 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament 5 ġdid li ġej:

"Għan.

5. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu f'parti biex jimplimenta d-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva, u r-regolamenti għandhom ikunu mfissra u jiġu applikati b'dak il-mod.

(2) Fil-każ li xi regolament minn dawn ir-regolamenti jkun jikkonfliġġi mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva, għandha tipprevali d-Direttiva.".